

**Emenda 270****Mike Hookem**

fisem il-Grupp EFDD

**Rapport****Gabriel Mato**

Il-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi

(COM(2016)0134 - C8-0117/2016 - 2016/0074(COD))

**A8-0381/2017****Proposta għal regolament****Artikolu 7 – paragrafu 1 – punt b***Test propost mill-Kummissjoni*

(b) kurrent elettriku *ħlief għall-użu tat-tkarkir bl-impuls elettriku kif stipulat fl-Artikolu 24 u Parti E tal-Anness V;*

*Emenda*

(b) kurrent elettriku *li jinkludi l-irkaptu kollu li jintuża f'tekniki tas-sajd li jużaw kamp elettriku, inkluż it-tkarkir bl-impulsi elettriċi;*

Or. en

*Ġustifikazzjoni*

*It-tekniki tas-sajd li jużaw kamp elettriku, inkluż it-tkarkir bl-impulsi elettriċi, huma totalment l-oppost għall-ksib ta' qabda mmirata preċiżja. Dan wieħed jista' jqabblu mal-użu ta' mazza jew trumbun minflok xabla irqiqa jew xkubetta; skarika elettrika fl-ilma ma tistax tkun immirata bi preċiżjoni, u għaldaqstant tnaqqas u tqared il-ħajja kollha fżona usa': ħolqu deżert marin u sejħulu "tkarkir bl-impuls". Dan għandu jitwaqqaf issa qabel ma jsir prattika komuni u jwassal għall-qerda massiva tal-oċeani.*

**Emenda 271****Mike Hookem**

fisem il-Grupp EFDD

**Rapport****Gabriel Mato**

Il-konservazzjoni tar-riżorsi tas-sajd u l-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar permezz ta' miżuri tekniċi

(COM(2016)0134 - C8-0117/2016 - 2016/0074(COD))

**A8-0381/2017****Proposta għal regolament****Artikolu 8 – paragrafu 1***Test propost mill-Kummissjoni*

Għandu jkun ipprojbit li tinbiegħ, tintwera jew tkun offruta ġħall-bejgħ kwalunkwe speċi tal-baħar maqbuda bl-użu ta' kwalunkwe wieħed mill-metodi mniżżla fl-Artikolu 7.

*Emenda*

Għandu jkun ipprojbit li tinbiegħ, tintwera jew tkun offruta ġħall-bejgħ kwalunkwe speċi tal-baħar maqbuda bl-użu ta' kwalunkwe wieħed mill-metodi mniżżla fl-Artikolu 7.

*Jekk, meta r-Renju Unit joħroġ mill-Unjoni Ewropea, it-tekniki tas-sajd li jużaw kamp elettriku, inkuż it-tkarkir bl-impulsi elettriċi sejkunu għadhom permessi, minn dak il-ħin stess se jiġu pprojbiti mill-ibħra tar-Renju Unit, inkluża ż-żona ekonomika esklussiva.*

Or. en